MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2011

Numru 1389/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Darren Spiteri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Darren Spiteri** ta' 32 sena, bin Carmen Spiteri, imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Lulju, 1979 u residenti 185, Mdina Road Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 352279M;

Talli fil-lejl tas-16 ta' Dicembru 2011, ghall-hin ta' bejn in-00:30am u 01:30am fi Triq is-Salini Marsaskala flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' madwar 120 litru

fuel (diesel), minn go vettura (crane) bin-numru tar-registrazzjoni BAH-275, liema serq huwa kkwalifikat, bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Anthony Muscat;

Talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew igharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' dik ta' tapp, u katnazz, liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' 23.29 Euro

Rat il-kunsens tal-avukat generali tad-19 ta' Dicembru 2011 skond l-artikolu 374(4) tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni l-akkuzi jirriuzltaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 (b)(f) u (g), 263, 270, 271, 278(3) u 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputat u hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imptuat irritorna r-refurtiva kif ukoll li kkopera bi shih mal-Pulizija tant li kien strumentali biex jissolva rejat iehor;

Tiddeciedi billi tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation ghal-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation u dan ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza u l-imputat ddikjara li fehem dawn l-istess obbligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------